**Iltqajna**

Mort nieħu kafè
Fil-Jum tal-Mulej,
Inti sellimtli
B'qalbek kellimtni.
U fraħt għax rajtek
Għax iż-żmien għaddej,
Donnu l'hu għal xejn
Jaqsam qalb f'biċċtejn.

Mur ifhem bniedem!
Imm'għalija tfur,
Il-qalb b'kull unur
Meta tbissimtli
L-għaliex urejtni,
Li l-ħajja rigal
Minkejja x'jintqal.

Qalb tistrieħ m'oħra
Jikkalma l-fonqla,
Hemm poeżija
Kollha tjubija.
U għalenija
Issa inqlajna,
Ħa nimxu l-mixja
Bil-pass iltqajna

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Jannar 2024.

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.